# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sebgħa (7) ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru 457/19 FDP**

Fl-ismijiet

**L-Avukat Dottor Tonio Grech (ID 260360M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Damco d.o.o reġistrata fis-Slovenia bin-nru ta' reġistrazzjoni 1899872**

**Vs**

**Dr Yanica Bugeja u l-PL Quentin Tanti bhala Kuraturi Deputati appuntati fl-10 ta' Gunju 2019 ghas-socjeta' estera Aromit d.o.o. reġistrata fis-Slovenia bin-numru ta' reġistrazzjoni 6029426**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 10 ta' Mejju 2019, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* talab is-segwenti:

*Illi s-socjeta' estera Damco d.o.o., il-principal tal-esponent, kisbet sentenza fid-District Court ta' Celje, fis-*Slovenja*, kontra s-socjeta' intimata Aromit d.o.o., registrata wkoll fis-Slovenja. Tali sentenza annessa u mmarkata Dok. A, bit-traduzzjoni taghha bl-Ingliz Dok. B, flimkien mac-Certifikat li jikkoncerna sentenza fi kwistjonijiet Civili u Kummercjali Dok. C.*

*Illi tali sentenza hija definittiva u dana kif jirrizulta mill-ewwel pagna ta' Dok. A (u l-ewwel pagna tat-traduzzjoni ghall-Ingliz Dok. B).*

*Illi jehtieg illi din is-sentenza tigi esegwita f'Malta u kwindi l-esponent qieghed jipprezenta r-rikors odjern ai termini ta' l-artikoli 36 u 39 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Dicembru, 2012 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet Civili u Kummercjali bin-numru 1215/2015 u dana sabiex jitlob illi din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi ma hemm l-ebda raguni ai termini tal-Artikolu 45 illi fuqha jista' jkun hemm rifjut ta' rikonoxximent tad-decizjoni fuq imsemmija.*

*Illi tabilhaqq, kif jirrizulta mill-annessi dokumenti, is-socjeta' intimata hija debitrici tal-esponent nomine fl-ammont ta' hamsa u disghin elf, tmien mija u hamsa u ghoxrin ewro u sbatax-il centezmu (€95,825.17) kif ukoll l-imghaxijiet u l-ispejjez tal-kawza.*

*Illi hu mehtieg illi tali sentenza tigi ezegwita f'Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponent nomine jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi illi ma hemm l-ebda raguni ai termini tal-Artikolu 45 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Dicembru, 2012 dwar il-gurisdizzjoni u r- rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet civili u kummercjali bin-numru 1215/2015 illi a bazi taghha jista' jsir rifjut tar-rikonoxximent tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tad-District Court ta' Celje, fis-Slovenja, l-Italja, datata 8 ta' Novembru, 2017 u dan taht dawk il-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

2. Rat illi fl-20 ta' Mejju 2019, il-Qorti appuntat il-kaz ghas-smiegh ghall-25 ta' Gunju 2019.

3. Rat illi fl-10 ta' Gunju 2019 gew appuntati Dr Yanika Bugeja u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti sabiex jidhru bhala kuraturi ghas-socjeta' estera Aromit d.o.o. wara illi hadd ma deher biex jaċċetta l-kurazija. (fol 31)

4. Rat ir-risposta tal-Kuraturi ipprezentata fit-3 ta' Lulju 2019, fejn ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

    1. *Illi 1-esponenti kienu appuntati bhala kuraturi deputati permezz ta' digriet datat 10 ta' Gunju 2019 RM sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' estera Aromit d.o.o.*

    2. *Illi preliminarjament l-esponenti jiddikjaraw li huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza odjerna.*

3. *Illi 1-esponenti jinnotaw li ma hemm ebda dettalji tas-socjeta' Aromit d.o.o. ghajr ghan-numru tar-registrazzjoni taghha. Ghalhekk, l-esponenti jitolbu li jinghataw kull dettall li 1-attur jista' jkollu rigwardanti s-socjeta' in kwistjoni.*

4. *Illi l-esponenti jirrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm il-htiega wara li jsir kuntatt mas-socjeta' estera rapprezentata minnhom.*

5. Rat illi fit-3 ta' Lulju 2019, il-Qorti ddiferiet il-kaz ghall-provi kollha ghall-5 ta' Novembru 2019.

6. Rat illi fil-5 ta' Novembru 2019 ma ttellghu ebda provi w il-Qorti ġiet mitluba sabiex tghaddi ghas-sentenza.

7. Rat ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Dicembru 2001 illi tipprovdi, inter alia, ghar-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummercjali fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea gewwa Malta.

8. Rat ic-certifikat maħrug mill-Qorti ta' Celje gewwa Slovenia mahrug a tenur tal-Artikolu 53 tar-Regolament (fol 27).

9. Rat illi, abbazi tal-Artikolu 36 tar-Regolament 1215/2012, sentenza moghtija minn Membru Stat għandha tiġi rikonoxxuta mill-Istati Membri l-oħra, inkluż Malta, minghajr il-bzonn ta' ebda proċedura speċjali.

10. Rat illi, abbażi tal-Artikolu 39 tar-Regolament fuq imsemmi, sentenza moghtija minn Membru Stat għandha tkun ezegwibbli fl-Istati Membri l-oħra, inkluż Malta, minghajr il-bzonn ta' ebda proċedura speċjali.

11. Rat illi ma jezistu ebda mir-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 45 tar-Regolament sabiex ir-rikonoxximent tas-sentenza tiġi rifjutata.

12. In vista ta' dan, din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha processwali,

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* kif dedotti;

**Tiddikjara** li qed tirrikonoxxi s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2017 moghtija mill-Qorti ta' Celje, Slovenia fl-ismijiet **Damco d.o.o. vs Aromit d.o.o.** (Registrazzjoni Nru I Pg 777/2015)

**Tiddikjara** li l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti fejn ordnat is-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti l-ammont totali ta' hamsa u disghin elf, tmien mija u hamsa u ghoxrin euro u sbatax-il centezmu (€95,825.17) flimkien ma' spejjez hi enforzabbli u ezegwibbli f'Malta ai termini tar-Regolamenti 1215/2012 tal-Unjoni Ewropea;

**Bl-ispejjez** kif mitluba kontra s-socjeta' intimata.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imhallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**